**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 359/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs.**

**Daniel Gauci**

Illum l-5 ta' Lulju 2023

Il Qorti:

Daniel Gauci, bin Anthony Gauci u Carmen xebba Agius, imwieled il-Pieta', fi 25 ta' Mejju 1971, residenti St. Jude Crt Blk 6, Fl 9, Wesgha Reggie Miller, Fgura, numru tal-karta ta' l-identita' 240771M.

U nakkuzah talli, nhar it-22 ta' Jannar 2022, ghall-habta ta' sebgha u nofs ta' filghodu (07:30hrs), gewwa Wesgha Reggie Miller, Fgura:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt hsara fil-gisem ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Allan Vella,

hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Mathew Farrugia numru ta′ registrazzjoni 4582.

Il-Qorti hija mitluba li f′kas ta` htija jigu applikati l-provedimenti ta` l-artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Il-Qorti hija wkoll mitluba ukoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta` **Allan Vella** billi jigu applikati l-provedimenti ta` l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Il-Qorti hija finalment mitluba sabiex f′kaz ta′ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta′ spejjes li jkollhom x′jaqsmu mal-hatra ta′ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Rat li fl-udjenza tal-1 ta′ Gunju 2023 wara li sar l-ezami ta′ l-imputat skont l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali l-imputat l-ewwel stqarr li ma kienx hati, izda waqt l-istess seduta wara li kien xehed it-tabib Dr. Mario Scerri irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta′ l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta′ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga′ jikkonsulta ma′ l-avukat ta′ fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga′ lura minnha.[1]

Rat li l-imputat rega′ tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu fl-istess seduta.

Rat li fid-dawl ta′ l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m′ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur

[1] Folio 15-16 ta′ l-atti processwali

ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda tat-tabib Dr. Mario Scerri waqt l-istess udjenza li kien ezamina lill-parte civile.[2]

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-istess udjenza.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie rraportat li l-imputat ikkometta feriti fuq certu Allan Vella.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta ta' l-1 ta' Gunju 2023 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

[2] Folio 7 ta' l-atti processwali

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li hija aggornata sat-12 ta' Dicembru tas-sena 2022[3]. Sa dak in-nhar tinstab sentenza wahda registrata li hija kontra l-istess Allan Vella, il-vittma f'dan il-kaz. Ghaldaqstant jidher li l-imputat rega kellu kwistjoni ma dan l-istess persuna u ghandu jgharraf li l-imgieba tieghu fil-konfront ta' din il-persuna ghandha tigi kkontrollata.

- L-ammissjoni ta' l-imputat saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri.

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[4], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[5], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[6] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[7]

  Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li l-Qorti ma kelliex ghalfejn tidhol f'hafna xoghol u spejjez sabiex tinstema din l-kawza u filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li l-ammissjoni ta' l-imputat saret fl-ewwel opportunita u ghalhekk l-ammissjoni saret fi stadju bikri.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni

[3] Folio 17-20 ta' l-atti processwali
[4] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[5] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[6] Thomson Reuteurs, S-29
[7] Blackstone Press Limited – 2006 edition

tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi l-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali taghha talbet lill-Qorti tikkunsidra piena fejn l-imputat jigi liberat bil-kundizzjonijiet stante li dan huwa kaz ta bejn il-girien li minn dak in-nhar hafru lil xulxin. Illi kemm il-parte civile kif ukoll id-difiza ta' l-imputat qablu ma din is-sottomissjoni.

- Jirirzulta ghalhekk, li filwaqt li l-Qorti mhix marbuta mal-piena suggerita mill-partijiet, il-Qorti tara u tqis li wahda legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi u dan stante li skond ix-xhieda tat-tabib ta' Dr. Mario Scerri il-griehi jistghu jigu ikkunsidrati skont l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Daniel Gauchi fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l- imputazzjoni dedotta kontrih u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum skont l-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fisret is-sentenza lil hati skont l-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Allan Vella ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar il-5 ta' Lulju 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**